MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Numru. 874/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Anthony Schembri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anthony Schembri ta’ 42 sena, bin Xaverio u Rita nee’ Zammit, imwieled Siggiewi fid-9 ta’ Gunju 1967 u residenti Bejta ta’ Mhabba, 18 Triq Nikola Baldacchino, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 286267 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fis-16 ta' Lulju 2009 ghal habta ta' 2pm u hinijiet wara waqt li kien fil-fond Labattery Wharf li jinsab fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, Rahal Gdid :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Galea mill-Mellieha skond ma ccertifikat it-tabib Dr. Moira Grech Reg Nru 2565 mill-Isptar Mater Dei.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq nuccali tal-vista u sinna liema hsara hi izjed minn 1165.69 Euros (Lm500), kollha ghad-detriment ta' Joseph Galea mill-Mellieha.

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi fil-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-paci pubbliku.

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Joseph Galea mill-Mellieha sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Galea mill-Mellieha u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Awwissu 2009 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw argument u glieda li sehhet bejn Anthony Schembri u cioe' l-imputat u l-parti civili Joseph Galea fis-16 ta' Lulju 2009 ghall-habta tas-2.00pm f'Laboratory Wharf, fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, Rahal il-Gdid fejn il-parti civil Joseph Galea qed jallega li gew kagunati lilu griehi ta' natura gravi mill-imputat. Mill-provi rrizulta li xi Ufficjali tad-Dwana marru jaghmlu tfittxija fit-trukk tal-imputat u meta ra hekk huwa haseb li fil-fatt dawn kienu ntbaghtu minn Joseph Galea u huwa ghalhekk mar fuq Galea li kellu t-trukk parkeggjat vicin sabiex jistaqsih ghalfejn kien ghamel hekk u minn hemm inqala' argument bejniethom. Joseph Galea stqarr mal-Pulizija li fil-fatt huwa kien qieghed jistenna lil siehbu certu Emmy Cassar sabiex jerga' jiehu t-trukk tieghu meta gie Anthony Schembri fuqhu u beda' jghajjat mieghu u jghidlu ghalfejn irraportah lil tad-Dwana. Minn dak il-hin huwa gie imbuttat u l-imputat beda jaghtih ukoll meta kien qieghed fl-art. Joseph Galea waqt dan l-argument sofra griehi gravi fuq wiccu minhabba li nkisret is-sinna ta' quddiem u n-nuccali li kien liebes inkissirlu wkoll. Min-naha tieghu Anthony Schembri qal lil Pulizija li f'mument minnhom Joseph Galea tah daqqa fuq saqajh ix-xellugija li kienet imwegga u sabiex jiddefendi ruhu huwa qabez ghal fuq Joseph Galea. Huwa qalilhom ukoll li Joseph Galea kien prova jdawwar il-qafla tan-nuccali m'ghonqu u wara huwa dawwarielu wkoll ma' ghonqu. Irrizulta li kellu jintervjeni Emanuel Cassar sabiex iferraq liz-zewgt irgiel.

Il-parti civili Joseph Galea xehed f'dawn il-proceduri (a fol 27) fejn huwa qal li fis-16 ta' Lulju 2009, mar jiehu x-xoghol bit-trukk gewwa Ras Hanzir f'Laboratory Wharf. Waqt li kien qieghed hemm gew tal-Valletta Gateway Terminal li huma nkarigati mill-Port u qalulu sabiex jipparkja t-trukk tieghu f'post fejn inzerta kien hemm it-trukk ta' Anthony Schembri. Waqt li kien qieghed hemm huwa ra lill-Ufficjali tad-Dwana jaghmlu tfitixija fit-trukk ta' Anthony Schembri u x'hin kien sejjer gie minn warajh

Anthony Schembri u mbuttah u sabtu mal-art. Dejjem skont Joseph Galea Anthony Schembri beda' jigbdu miccinga tan-nuccali u prova jifgaw, imbaghad firduhom in-nies u huwa staqsih ghala ghamel hekk. Min-naha tieghu Anthony Schembri qallu ghalfejn kien irraportah ma' tad-Dwana. Meta huwa nnega li ghamel hekk rega' qam l-argument bejniethom. Galea spjega li huwa spicca l-Isptar minhabba l-griehi li kellu fosthom sinna ta' quddiem imkissra, daqqiet fil-wicc u f'irkoptejh. Huwa esebixxa ritratt tal-marka li kellu m'ghonqu. Huwa kompla jghid (a fol 29) li kien ilu jaf lil Anthony Schembri ghal diversi snin u kienu jargumentaw ta spiss izda qatt bl-idejn. Huwa kkonferma li ghandhom kawza civili bejnithom. Huwa nnega li f'dik il-gurnata kien hu li mar fuq Anthony Schembri u enfasizza li kien l-imputat li mar ghalih. Joseph Galea (a fol 75) rega' xehed fejn spjega li huwa dakinnhar kellu zewg trukkijiet xi jdahhal gewwa x-xatt ta' Ras Hanzir. Membri tal-VGT qalulu sabiex jipparkja fiz-zona fejn kien hemm Anthony Schembri u kien il-boghod xi hamsin (50) metru minnu. Huwa qal li bilfors kellu jghaddi vicin il-bieb sabiex huwa jkun jista' jghaddi. Huwa qal li ghadda minn fejn l-imputat sabiex ikun jista' johrog u mhux ghax ried imur hdejh. Fil-fatt huwa qal li kien Emy li waslu Hal Qormi sabiex igib it-tieni trukk. Dan Emy kien qieghed hemm jistenna x-xoghol li gablu l-imputat. Huwa qal li Emy ma kienx fuq it-trukk minhabba li kien qed isiru xi spezzjonijiet fuqu. Huwa kompla jghid li kien jaf li l-imputat kellhu problema f'idejh minhabba ncident bic-chaser. Huwa qal li meta dahal l-isptar hadulu xi X-Rays u gie riferut ghand dentist izda ghazel li jmur ghand id-dentista tieghu u cioe ghand Dr. Marlene Pullicino. Huwa qal li qabel l-incident de quo diga' kellu sinna rrangata izda mhux imkissra u din is-sinna giet imtajra xi hames jew sitt snin qabel.

F'dawn il-proceduri xehdet Dr. Marlene Pullicino Orlando (a fol 33) fejn ikkonfermat Dokument SZ 5 li hija stima sabiex tinbidel sinna minhabba incident li sofra Joseph Galea. Hija spjegat il-procedura li tintuza sabiex titwahhal din is-sinna minflok dik imkissra u kompliet tghid li fil-fatt hija ma tiftakarx jekk Joseph Galea kienx klijent taghha qabel ma kien gie ghandha ghal din l-istima. Hija qalet

ukoll li ma tistghax tkun taf meta sar dak it-tip ta’ ksur fis-sinna u kompliet tghid li fil-fatt ghalkemm jezistu alternattivi ohra sabiex tigi riparata s-sinna dawn ikollhom certu konsegwenzi u ghalhekk l-unika ghazla li hemm huwa dak li gie indikat fl-istima u l-materjal irid ikun tal-porcellana minhabba s-sahha tieghu.

Meta xehdet Dr. Moira Grech (a fol 37) hija ikkonfermat certifikat mediku mahrug minnha fis-16 ta’ Lulju 2009 fejn osservat li Joseph Galea kellu parti mis-sinna mtajra, u griehi ohrajn fuq partijiet differenti tal-gisem inkluz brix fuq ghonqu. Hija klassifikat il-griehi bhala gravi u kompliet tispjega li l-ferita li kien hemm fuq l-ghajn il-leminija ma tigix kawzata meta wiehed jaqa’ minn gholi ta’ tul ta’ persuna izda irid ikun aktar minn hekk. Hija qalet ukoll li certu griehi li kellu Galea bhal ma kienet dik fuq l-ghaksa ma kinitx tkunx daqshekk minfuha li kieku ghaddew diversi granet.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll Emanuel Cassar (a fol 42) fejn qal li dakinhar tal-incident de quo kien gewwa Laboratory Wharf fejn sehh incident bejn l-imputat Anthony Schembri u Joseph Galea. Huwa qal li meta kien qieghed fuq it-tail lift tat-truck sabiex jirranga x-xoghol sema’ kommozzjoni u ra lill-imputat u Joseph Galea jiggieldu fl-art. Huwa mar iferraqhom u rega’ tela fuq it-trukk sabiex jirranga l-affarijiet tieghu. Huwa osserva lill-imputat qiesu bilqeghda fuq Joseph Galea u t-tnejn kienu qed jippruvaw ixejru bil-ponn lil xulxin waqt li Joseph Galea kien wiccu ‘l fuq. Huwa qal li daqqiet ma rax izda kull ma ra kien lil wiehed jipprova jaghti daqqiet waqt li l-iehor kien qieghed jilqa’ d-daqqiet. Huwa kompla jghid li kien hemm diskors fejn wiehed beda joffendi lill-iehor. Huwa qal li ma kienx staqsa lill-imputat ghaliex kien irrabjat. Huwa zied jghid li dak il-hin ma kienx osserva feriti imma kien ra xi demm fuq mohh Joseph Galea u dan meta rah hdejn il-gate. Huwa nnega li wassal lil Galea l-Isptar dakinnhar tal-incident u qal li kien jaf lill-imputat u lil Joseph Galea minhabba li kien ghamel zmien juza s-servizz taghhom sabiex igib ix-xoghol minn gewwa l-Italja. Huwa jaf ukoll li ma baqghux flimkien minhabba li kellhom kaz pendenti bejniethom minhabba xi flus dovuti. Huwa

qal li qabel ma sehh l-incident meta kien qieghed fuq it-tail lift in-naha l-ohra kien hemm Anthony Schembri u spjega li t-tail lift kien ftit ‘l fuq mill-art. Huwa qal li ma kienx jaf fejn kien qieghed Joseph Galea qabel l-incident izda ra li t-trukk tieghu kien ipparkjat wara t-trukk tal-imputat. Meta gie mistoqsi jekk fil-fatt kienx gie Joseph Galea hdejn it-trukk ta’ Schembri huwa qal li dan kien probabbli. Huwa qal ukoll li ma jafx jekk fil-fatt Joseph Galea tax daqqa fuq sieq Anthony Schembri. Meta gie muri ritratt tal-isprall huwa kkonferma li fil-fatt dawk kienu qeghdin fejn il-post fejn gara l-incident. Huwa qal li ma jafx kif bdiet il-glieda izda huwa hass li ghandu jferraqhom.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll Kevin Borg (a fol 52) li huwa Chief Security Officer gewwa l-VGT fejn esebixxa log sheets tas-16 ta’ Lulju 2009. F’dawn il-log sheets ikun hemm imnizzel il-hinijiet ta’ kull vettura li tidhol. Huwa qal li ra lil Joseph Galea li kellhu xi griehi f’wiccu. Meta gie mistoqsi jekk fil-fatt kienx ra xi feriti fuq l-imputat huwa qal li ma kienx jiftakar. Huwa zied jghid li ma kienx ra l-glieda ghax kien wasal wara li diga kienu gew il-Pulizija.

L-imputat Anthony Schembri ghazel lli jixhed f’dawn il-proceduri (a fol 102) fejn qal li huwa jitrasporta x-xoghol bejn Malta u Sqallija. Huwa qal li lil Joseph Galea kien jafu minhabba li kien jaghtih xi xoghol izda mbaghad inqalghet problema bejniethom minhabba xi hlas dovut lilu minn Galea li baqa’ ma thallasx. Huwa spjega li hemm kawza civili pendenti bejnithom fir-rigward. L-imputat qal li dakinhar tal-incident Joseph Galea dahal bit-trukk CBQ 929 sbiex imur fuq l-vapur li huwa kien niezel minn fuqu. Huwa zied jghid li ftit qabel l-incident kellu ordni minn tad-Dwana sabiex johrog ix-xoghol minn gewwa t-trukk. Huwa beda johrog ix-xoghol minn gewwa fih flimkien mat-tifel tieghu Kersten u certu Emy. Huma t-lieta kienu fuq it-tail lift li kien maghqtuh mill-art. L-imputat qal li Joseph Galea kellu t-trukk tieghu ipparkjat xi ghoxrin metru l-boghod minnu u gie hdejh u huwa qal li hass daqqa ta’ ponn fuq saqajh fejn kien wegga’ xi zmien qabel u mbaghad waqa’ fuq Joseph Galea u spicca maqlub fuqu. Meta kien fuq it-tail lift u kien qieghed jipprova johrog pellet minn gewwa t-truk u jigbed waqa’ lura kagun tad-daqqa fuq saqajh. Mal-

waqa’ spicca fuq dahar Joseph Galea u spiccaw mal-art u spiccaw fuq it-tappiera. Huwa qal li Joseph Galea prova jiddefendi ruhu billi beda jxejjer idejh waqt li hu beda jipprova jiskappah. L-imputat qal li ma kienx veru li gidem lil Joseph Galea ghaliex huwa bla snien. Huwa zied li dakinhar Joseph Galea kellu nuccali izda ma jafx jekk inkisirx jew le u zied jghid li kemm Emy ukoll it-tifel tieghu setghu jaraw il-glieda minhabba li kienu fuq it-tail lift. Huwa esebixxa kopja ta’ perizja rigward il-kwistjoni civili li kien hemm bejniethom u zied jghid li Joseph Galea mhux l-ewwel darba li ghamillu l-hsara minhabba li kien ghamillu rapport mal-pulizija u giet esebita stqarrija li kien irrilaxxja lill-Pulizija.

Meta xehed Kirsten Schembri, iben l-imputat, (a fol 154) huwa qal li dakinnhar tal-incident kien fuq it-tail lift tat-trukk flimkien ma’ missieru u Emy. Huwa ra lil Joseph Galea riesaq lejn it-trukk taghhom waqt li huwa kien qieghed inizzel it-tail lift sabiex johorgu pellet minn gewwa t-trukk. F’mument minnhom ra lil missieru fl-art minhabba li waqa’ ghal isfel fuq Joseph Galea. In kontro ezami dan ix-xhud qal li t-trukk ta’ missieru kien qieghed vicin il-kamra tal-Valletta Gateway Terminal (VGT). Huwa kompla jghid li kull min irid imur fejn il-kamra tal-VGT kellu jghaddi minn hdejn it-trukk taghhom. Huwa kompla jghid li kien in-naha fejn hemm il-buttuni tal-tail lift waqt li missieru kien in-naha l-ohra u bejniethom kien hemm il-pellet u Emy. Huwa ma setax jara lil missieru minhabba li kien qieghed jigi mghotti mix-xoghol minn fuq il-pellets li kienu qeghdin jippruvaw johorgu. Meta gie mistoqsi kif seta’ jara lil missieru kif waqa’ meta ma setghax jarah huwa qal li (a fol 158) li ra lil missieru se jinqeleb. Meta gie mistoqsi jekk fil-fatt kien qal li ma kienx qieghed jara lil missieru kif seta’ jinduna li huwa kien waqa’, wiegeb li missieru beda’ jghajjat u ghalhekk nizel. Huwa kkonferma li missieru kien fuq Joseph Galea li kellhu wiccu l’isfel. Dan ix-xhud qal li ma kienx ra lil missieru jigbed spaga ma ghonq Joseph Galea. Huwa kkonferma li fil-mument tal-glieda ufficjali tad-Dwana dahluh fil-kamra taghhom u minn hemm beda jara x’kien qieghed jigri.

Ikkunsidrat

Huwa principju baziku fil-proċediment kriminali li sabiex l-imputat jiġi dikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** (deċiża mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ħamsa ta' Diċembru, 1997)* dik il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deċiża fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-Sentenza mogħtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgħa ta' Settembru 2002*** fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jiġri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti. Jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioe jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk dan ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għal piena jew għal xi provvediment ieħor.
Għalhekk fil-każ odjern din il-Qorti trid tifli dak li qalu x-xhieda kollha f'dan il-każ u teżamina d-dokumenti esebiti

f'dawn il-proceduri sabiex b'hekk tkun tista' tasal ghal sejbien ta' htija o meno tal-imputat.

Ikkunsidrat

a) <u>L-ewwel Akkuza – Griehi Gravi</u>

L-artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta jitkellem dwar "…hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna…jew dizordni f'mohha…" isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni tal-artikolu 327 tal-*Codice Zanardelli:*

*"Chinunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, e' punito…"*

Fi kliem iehor, anki s-semplici ugigh ikkagunat minn daqqa jew percossa tammonta ghal hsara (fil-gisem jew fis-sahha) ai termini tal-Artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta[1]. Illi ghalhekk din l-Qorti trid tara jekk fil-fatt il-griehi li sofra Joseph Galea kienux ta' natura gravi hekk kif ikkontemplat taht l-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fic-certifikat mediku li gie esebit a fol 17 tal-process u li huwa mmarkat bhala Dok SZ 1 in-natura tal-feriti li kellu Joseph Galea hija ndikata bhala gravi. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-feriti li sofra Joseph Galea kienu ta' natura gravi u li kagun taghhom huwa nzamm gewwa l-isptar ghal aktar osservazzjoni. Mix-xhieda ta' Dr. Moira Grech jirizulta li meta kienet qed tezamina lil Joseph Galea rat li kellu parti mis-sinna tan-naha ta' fuq il-lemin li kienet imtajra.[2] Hija ndikat ukoll li minhabba l-griehi f'rasu Galea kien qieghed ihossu jintilef minn sensih. Apparti dawn il-griehi hija qalet ukoll li kien hemm brix ukoll fuq ghonqu fuq in-naha ta' quddiem u brix fuq l-id il-leminija u fiz-zewg irkopptejn kif ukoll *contusions* fuq in-naha ta' quddiem ta' rasu.

Illi kif diga nghad aktar il-fuq din il-Qorti trid tistrieh fuq dak li qal kemm l-imputat kif ukoll Joseph Galea. Illi jidher li x-

[1] Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit (Deciza 30 ta' Marzu 1998 per Imhallef V. Degaetano)
[2] Ara fol 37

xhieda ta’ Dr. Moira Grech u t-tip ta’ griehi li kellu Joseph Galea huma verosimili mal-verzjoni tal-fatti moghtija minn Joseph Galea. Ghandu jinghad li fix-xhieda tieghu Galea qal li l-imputat f’mument minnhom beda jipprova jissika l-qafla tan-nuccali m’ghonqu tant li hassu qieghed jifga. Illi wahda mill-feriti li sofra l-imputat kienet fil-fatt brixx f’ghonqu li facilment setghu gew kagunati minn din il-qafla li giet imdawra m’ghonqu. Mid-dinamika tal-feriti li kellu l-bicca l-kbira taghhom jidhru b’mod car li kienu fil-parti frontali tal-gisem. Illi jekk wiehed jara kemm il-brixx fl-irkopptejn ta’ Joseph Galea, dan juri li huwa kien wiccu jhares lejn l-art u ghalhekk fil-konfuzjoni tal-argument sofra wkoll id-daqqiet li kellhu f’wiccu u cioe kemm *contusion* fuq in-naha ta’ quddiem tar-ras kif ukoll sofra ksur fis-sinna ta’ quddiem. Il-griehi l-ohra li huwa sofra fil-wicc kienu wkoll kagun ta’ daqqiet li l-imputat ta fil-mument li huwa kien qieghed fuqu. Dan jirrizulta korroborat anki mix-xhieda ta’ Emanuel Cassar li meta mar sabiex jiifred lil Galea u lil  Schembri minn ma’ xulxin ra lill-imputat Anthony Schembri bil-qeghda fuq Joseph Galea. Illi din il-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-imputat li huwa waqt li kien qieghed fuq it-tail lift tat-trukk hass daqqa u waqa’ ghal fuq l-imputat tant li gew kagunati dawk il-feriti fuq il-persuna ta’ Joseph Galea. Il-Qorti jidrilha li anki dak li xehed Kirsten Schembri huwa pjuttost inverosimili u cioe’ fejn dan qal li waqt li kien qieghed fuq it-tail gate tat-trukk ra lil Joseph Galea gej. Illi huwa qal ukoll li f’dak il-mument li kienu fuq it-tail gate bil-kemm seta’ jara lil missieru minhabba li kien hemm pellet li kienu qeghdin jippruvaw johorgu. Kien biss meta sema’ l-istorbju li mar jara x’gara u ra lil missieru u lil Joseph Galea fl-art. Dina l-Qorti ma tistax tistrieh fuq il-verzjoni li ta l-imputat li l-incident gie kagunat minn Joseph Galea u illi huwa agixxa sempliciment sabiex jiddefendi ruhu meta Galea waqa’ fuqu. Id-dinamika tal-griehi sofferti minn Joseph Galea jaghtu impressjoni totalment differenti. Ghandu jinghad li fic-certifikat mediku ma giex indikat li Joseph Galea kien qieghed isofri minn griehi fuq id-dahar u dan qieghed jinghad ghaliex skond Kirsten Schembri huma kienu gholi ta’ madwar metru u nofs u jekk persuna taqa’ minn dak l-gholi u tigi fuq persuna ohra huwa zgur li ser ikollha griehi jew ugiegh anki fuq id-dahar xi haga li ma

gietx indikata fl-ebda hin. Huwa ghalhekk aktar verosimili dak li qal Joseph Galea u cioe' li huwa kien miexi u l-imputat Anthony Schembri imbuttah u nstabat fl-art meta akkuzah li kien hu li nforma lill-ufficjali tad-Dwana dwar xi affarijiet li seta' kien qieghed igorr fuq it-trukk tieghu. Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

It-tieni mputazzjoni :- Hsara Volontarja

Illi jirrizulta mix-xhieda li ta Joseph Galea qal li waqt l-argument li kellu mal-imputat inkiser in-nuccali li kellu fuqu. Ghalkemm ingiebet stima ta' nuccali gdid, jidher li din saret aktar minn sena wara li sehh l-incident u prova ohra tal-fatt li dan in-nuccali inkiser fil-glieda ma ngabitx. Ghalhekk din il-Qorti ma tistghax issib lill-imputati hati li kkaguna hsara fin-nuccali ta' Joseph Galea.

Ghandu jinghad li l-artikolu 325 jaqa' taht il-sub-titolu IV tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-enfasi tieghu huwa Fuq id-Delitti kontra s-Sigurta Publika u fuq Hsarat fil-Propjeta'. Illi l-ksur tas-sinna ma jaqax taht dan is-sub-artikolu ghaliex sinna ma tistax titqies bhala propjeta immobbli jew mobbli. Illi per konsegwenza tal-incident li nqala' dina l-Qorti tista' ssibu hati tal-fatt li kaguna ferita gravi fuq il-persuna u mhux talli ghamel hsara volontarja fuq is-sinna ta' Joseph Galea.

It-Tielet Imputazzjoni – L-Artikolu 338 (dd)

Illi mill-provi jirrizulta minghajr ebda dubju li kien hemm ksur ta' buon ordni u paci pubblika u ghalhekk l-imputat ser jinstab hati anki tat-tielet imputazzjoni.

Ir-raba' Imputazzjoni – L-artikolu 339 (1) (d)

Illi anki din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi mix-xhieda ta' Joseph Galea u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penal tista' tghid netta kif ukoll ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz u jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ghandhom jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 214, 216, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tnax-il (12) xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali ghal zmien tnax-il (12) xahar millum taht penali ta’ hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Joseph Galea.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------